ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 56 tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 4 ta’ Diċembru, 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |
| Dep. Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Donna Mallia |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Novembru 2012;

   b) Skeda ta’ Ħlas Novembru 2012;

   ċ) Approvazzjoni *Financial Statements* ( Lulju ‘12 – Settembru ’12))

5. *Tenders*;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 55 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar item 2 b, Is-Sindku nforma li l-kuntrattur ġie nfurmat sabiex jiġi jiffirma d-dikjarazzjoni sabiex ix-xogħol jibqa' għaddej b'mod kostanti u l-ħlas dovut ġie mgħoddi lill-kuntrattur.

b. Dwar item 3.1, is-Segretarju qal li d-Dipartiment infurmana li l-Kunsill ser jibbenefika mill-Iskema tal-Inizjattivi t'Attivitajiet 2012 – 2013, u l-prezentazzjoni li kella issir fit-8 ta' Dicembru giet posposta.

c. Dwar item 3.11, Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-Perit Ellul fir-rigward tal-*landscaping* fejn ser jitpogga l-monument tal-annimali. Is-Sindku qal li tkellem mal-Perit dwar il-ħajt li hemm fil-post fejn ser isir il-monument biex dan ma jibqax għoli.

d. Dwar il-kwotazzjoni għat-tiżjin tat-toroq ghal-Milied, is-Segretarju nfurmat li kien hemm kwotazzjoni waħda biss. Din kienet mill-Għaqda Mużikali Santa Marija u l-Għaqda Mużikali San Ġużepp flimkien, li tammonta għal € 800 inkluż l-arloġġ u l-konsum tal-elettriku. Il-Kunsill qabel li minhabba li kien hemm kwotazzjoni wahda dawn l-Ghaqdiet jigu infurmati biex jibda jsir it-tizjin tal-Milied.

e. Dwar it-talba li saret lil-*Transport Malta* dwar stallazzjoni ta' *U-Shape Bars* fi Triq il-Ħannieqa quddiem il-ħanut *Soapy Corner*, din it-talba ma ġietx aċċettata minhabba li l-banikina m'hiex wiesa' biżżejjed biex dawn isiru.

f. Is-Sur Vassallo qal li l-Kunsill ircieva is-somma ta'€ 1,000 mingħand il-Fondazzjoni Ewropa tal-Karnival li kienet imwegħda meta sar il-Karnival is-sena l-oħra. Is-Sur Vassallo kompla jgħid li nofshom dawn ser jiġu mqassma lill-parteċipanti li ħadu sehem is-sena l-oħra nhar Sibt il-karnival kif kien imwiegħed, u n-nofs l-ieħor jkopri l-ispejjeż tat-trasport.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 45/2012 – Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013, din tammonta sa massimu ta' € 15,000 lil kull Kunsill Lokali. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li japplika għal l-ispejjeż biex isiru latrini f'Bir id-Deheb.

Memo 49/2012 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser japplika l-KMS biex isiru lezzjonijiet tal-Football, Zumba u Attivitajiet Sportivi ta' wara l-Iskola. Il-Kunsill qabel.
Mid-Dipartiment infurmaw dwar il-Jum Marittimu Ewropew 2013 bejn il-21 u 22 ta' Mejju, 2013, biex min ikun irid jorganizza attivita' biex tkun inkluża fil-programm għandhu jibgħat l-applikazzjoni sa mhux aktar tard mil-31.12.12.
Infurmaw ukoll li ser nibbenefikaw mill-Iskema għal Attivitaijiet Kulturali 2012/13, fejn il-preżentazzjoni ser isir fit-8.12.11 ġewwa Naxxar fl-4:30 p.m., għaliha kien ser jattendi s-Sindku. Gejna infurmati li din ġiet posposta ghal data oħra aktar il-quddiem.
Id-Dipartiment infurmana ukoll li mill-1 ta' Jannar, 2013 il-MITA mhux ser toffri aktar is-servizz tad-Desktop Service Support mhux fir-rigward tal-WAN Connectivity, e-mail, web browsing u Application services. Affarijiet oħra li l-Kunsill ikollu bzonn dwar kompjuters iridu isiru minn kumpaniji b'mod indipendenti mill-MITA.
Infurmaw wkoll li l-Petizzjonijiet tal-LES jistgħu jsiru b'mod elettroniku permezz tas-sit www.les.gov.mt.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw dwar *ECVET Experts Seminar* li sar il-Golden Tulip Vivaldi l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru, 2012, fid-8:45 a.m.
Infurmaw ukoll dwar ħlasijiet tal-LES li jsiru bl-LTD, fejn dawn qed jgħidu li l-ammont li daħħal il-Kunsill minn din is-sistema għandu jiġi trasferit lir-Reġjun rispettiv, il-Kunsill minn naħa tieghu wiegeb li l-flus li kienu qed jidħlu minn din is-sistema qed imorru għand il-Kumitat Konġunt u trasferiment tal-flus lir-Reġjun irid isir minn naħa tal-Kumitat Kongunt.
Is-Sindku nforma wkoll li għamel kuntatt mas-Sur David Soler fejn ikkonferma li l-flus dovuti ser jieħdu ħsiebhom minn naħa tal-Kumitat Konġunt.

3. Mill-MEPA bagħatu applikazzjoni PA 2817/12 dwar kostruzzjoni ta' canopy u sinjali għla entrattura tas-supermarket tal-Lidl, Triq tal-Barrani.
Applikazzjoni oħra PA 2836/12 dwar alterazzjonijiet fi Triq il-Fidloqqom.
Applikazzjoni oħra PA 2849/12 dwar twaqqiegħ ta' store u kostruzzjoni ta' masionette u garaxxijiet fi Vjal il-Labour .
Applikazzjoni oħra PA 2857/12 dwar twaħħil ta' żewġ sinjali għal servizz tal-funerali fi Triq iċ-Ċeppun..
Applikazzjoni oħra PA 2871/12 dwar emendi fil-permess PA 0832/08 fi Triq it-Tumbarellu.
Applikazzjoni oħra PA 2677/12 dwar tiġdid ta' permess PA 4921/07 fi triq ġdid fi Triq il-Barklor.
Applikazzjoni oħra PA 2716/12 dwar twaqqiegħ ta' bini eżistenti u kostruzzjoni ta' maisonette, żewġ appartamenti , washroom u garaxx fi Triq San Filippu.
Applikazzjoni oħra PA 2764/12 dwar bdil fl-użu ta' garaxx għal store fi Triq il-Ħareb.
Applikazzjoni oħra PA 2783/12 dwar proponiment ta' *terraced house* u garaxx fi Triq W.Dalli.
Applikazzjoni oħra PA 2787/12 dwar twaqqiegħ ta' bini eżistenti u diviżjoni tas-sit f'erba' *plots* fi Triq il-Gibjun.
Applikazzjoni oħra PA 2831/12 dwar proponiment għal kotruzzjoni ta' karma tan-nar tal-Għaqda San Gabriel ta' Ħal Tarxien limiti tal-Ħbula. Il-Kunsill diġa' għamel l-oġġezzjoni tiegħu lill-MEPA.
Infurmaw ukoll li PC 0047/12 sabiex jispiċċa Sqaq Nru. 1 fi Triq San Filippu ma' ħajt ta' bitħa, fejn intalbu l-kummenti tagħna u infurmajnhom li l-aħjar li jsir kuntatt

mar-residenti tal-area ħalli jaraw jekk isibux oġġezzjoni minn naħa tagħhom u jekk le l-Kunsill ma jsibx oggezjoni lanqas.
Mill-MEPA nfurmaw li l-bilanċ tal-UIF huwa ta' € 31,329.78.
Annes DCC ukoll.

4. Mingħand *Transport Malta* infurmaw dwar sinjali tat-toroq li jew b'mod temporanju jew permanenti ma jkunux ser jintuzaw dawn ghandu jsir salib ahmar jew iswed fuq it-tabella u mhux tigi moghtijja b'borza sewda.

5. Mill-Awtorita tad-Djar infurmaw li ser isir laqgħa għar-residenti tal-*Housing Estates ta' Hal Ghaxaq* fl-14 ta' Diċembru, 2012, fil-5:30p.m., ġewwa il-bini tal-Kunsill stess. Is-Sindku qal li se jinforma l-Kappillan biex jekk għal laqgħa jiġu ħafna nies il-Kunsill ikun jista' juża i-sala tal-parroċċa.

6. Mill-Ministeru tas-Saħħa informa li ser ssir *Open Day* is-Sibt, 12 ta' Jannar, 2013 fil-Ministeru stess, fejn jingħataw ħafna servizz tas-saħħa b'xejn.

7. Mingħand l-MEDE dwar laqgħat ta' informazzjoni dwar il-*Lifelong Learning Programme*, dawn ser isiru bejn it-3 u 11 ta' Diċembru, 2012, bejn l-10 a.m. u 12.00pm, St. Venera.

8. Mingħand is-Sur Borg Caruana, fejn informa li peress li B'Bugia għamlu enfażi li ma jridux gwardjani lokali filgħaxijiet fil-*weekends*, il-gwardjani mhux ser jibqgħu jmorru għal siegħa biss f'Bir id-Deheb. Is-Sur Abdilla ppropona li issir oġġezzjoni biex il-gwardjani jibqgħu jmorru Bir id-Deheb u jekk ir-risposta tkun fin-negattiv is-Sur Abdilla iressaq proposta li dawn ma jiġu xejn ġo Ħal Għaxaq, issekonda l-Kunsillier Attard u l-Kunsill qabel.
Is-Sur Reuben Sciberras mir-Regjun talab ir-reazzjoni tal-Kunsilli sal-aħħar ta' Jannar, 2013, dwar l-ittra tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fejn qed jitolbu li apparti l-Administration Fee ta' 10% il-Kunsill jingħata wkoll 10% mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet lill-lokalitaijiet fejn ikunu nħarġu l-mutli. Il-Kunsill qabel mal-proposta li ressaq il-Kunsill ta' Ħal Qormi.

9. Mingħand GreenPak fejn fakkru li dalwaqt ser jerġa' jiġi mġedded il-kuntratt li hemm bejn Green Pak u l-Kunsill, kif ukoll informa fejn ser iżiedu xi servizzi oħra.

10. Mingħand il-MEUSAC, dwar laqgħa ta'Konsultazzjoni dwar l-Istudju tal-Impatt Ambjentali fis-7 ta' Diċembru, 2012, fl-10 ta' filgħodu, Belt is-Sebħ, Furjana . Ghal din il-laqgha ser tattendi l-Kunsillier Rose Agius.
Infurmaw ukoll li ser isir laqgħa t'informazzjoni dwar l-Inklużjoni Soċjali fl-10 ta' Diċembru, 2012, mill-5:00 p.m. sas-7:00 p.m. ġewwa l-Cottonera Sports Complex, Birgu.

11. Mingħand il-WasteServ Malta Ltd., fejn infurmaw li ser iniedu website ġdida fit-22 ta' Novembru, 2012, sabiex timpromwovi il-kunċett tar-*re-use waste*.

12. Mingħand il-Kunsill tal-Volontarjat dwar laqgħat fil-lokalitaijiet sabiex jgħin lis-settur tal-volontarjat fejn flimkien mal-Kunsilli Lokali isir laqgħa f'kull lokalita' għall-Għaqdiet u Organizzazzjonijiet Volontarji. Il-Kunsill qabel li dawn il-laqgħat isiru għaldaqstant għandha tintbagħat ittra biex issir laqgħa mal-Kunsill tal-Volontarjat.

13. Mingħand is-Sur Zammit tal-ETC, fejn infurma li fis-26 ta' Novembru, 2012, s-Sur Garzia kellu jirraporta ghax-xoghol il-Kunsill izda li dan baqa' ma ġiex jirraporta għax-xogħol kif indikat.

14. Mingħand l-Għaqda Muzikali ta' San Gużepp, fejn infurmaw li ser issir esebizzjoni ta' xogħolijiet maħduma bl-idejn bejn l-14 u s-16 ta' Diċembru, 2012, ġewwa l-Każin stess.

15. Mit-Teatru Manoel dwar mawriet fl-istess teatru għal prezz ta' € 2 kull persuna

16. Il-Kunsill ircieva erba' kwotazzjonijiet għar-riċeviment li ser jagħmel il-Kunsill fid-29.12.2011. Dawn kienu mingħand Dolceria Primavera; Neriku Catering; James Caterers u Elia Caterers. Wara li tqabblu l-prezzijiet, l-ahjar kienu dawk tal-Primavera, ghaldaqstant il-Kunsill qabel li l-ħelu jiġi ordnat mingħand Dolceria Primavera.

17. Mingħand l-Ispettur Cordina Dipartiment Investigazzjoni Kriminali rigward il-laqgħa għax-xahar ta' Diċembru, 2012.

18. Mill-Kumitat Lokali taċ-Ċentru Laburista ta' Ħal Għaxaq, fejn stiednu lill-Istaff tal-Kunsill għar-riċeviment fil-15 ta' Diċembru, 2012, fit-8:00 p.m li ser isir il-Kazin stess.

19. Mingħand is-Segretraju Eżekuttiv Therese Xuereb u Deputat Segretarju Eżekuttiv Donna Mallia fejn infurmaw li ser jifdlilhom 22 u 26 ġranet *leave* rispettivament sabiex jiġu mġedda għal sena oħra. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

20. Mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-programm ta' *Empowerment* dwar ħolqien t'opportunitajiet għal faċiltajiet tal-iżvilupp ħolistiku taż-żgħażagħ.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-TestaferrataDenoto dwar ħtieġa ta' żewġ *U-Shape Bars* ħdejn il-ħanut *Soapy Corner*. Din ma ġietx aċċettata.

b) Intbagħatet e-mail lil R.Sciberras dwar ħlasijiet tal-LES li jsiru bl-LTD, fejn dawn qed jgħidu li fejn hemm l-ammont li daħal il-Kunsill minn din is-sistema għandu jiġi trasferit lir-Reġjun, il-Kunsill informa li l-flus li kienu jidħlu minn din is-sistema kienu qed imorru għand il-Kumitat Konġunt u trasferiment tal-flus lir-Reġjun irid isir minn naħa tagħhom.
Infurmajna wkoll li x-xewqa tal-Kunsill hi li l-gwardjani lokali jkunu aktar preżenti waqt il-ħinijiet tat-tfal ta' li skola.

c) Intbaghatet ittra lic-*Chief Executive* -BOV dwar l-ATM ta' ġol-Bypass, biex naraw it-talba tagħna f'hiex waslet.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Novembru 2012, li kienu jammontaw għal € 10.61. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€ 10.61 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas Novembru 2012*: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2012 u li jammontaw għal **€69,991.03**. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. Is-Segretarju ċċirkolat kopji tar-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena (Lulju-Settembru'12), kif ukoll kopja tal-Minuti Nru. 2/12 tal-Kumitat tal-Finanzi ( Appendiċi A), fejn dawn ir-rapporti ġew approvati.

   Il-Viċi Sindku spjega li waqt il-laqgħa tal-Finanzi, fejn il-membri kienu preżenti kienu ukoll attendew għal din il-laqgħa ma' kien hemm l-ebda problemi, għaldaqstant ppropona li l-Kunsill jadotta l-Minuti li jinkludu r-Rapport Finanzjarju.

   Wara diskussjoni s-Sur Abdilla ppropona li dawn jiġu approvati w il-Kunsill qabel.

## 5. Tenders

a. Għal *GhLC 01/12 – Supply & Intsallation of Playing Field Equipment - Għaxaq*, kien hemm tmin (8) offerti. Is-Segretarju qrat is-schedule u s-Sur Abdilla ppropona li Nexos, KDF, Alhag u B-Independent jiġu eliminati għax l-offerti huma għoljin wisq, issekonda l-Kunsillier Attard u l-Kunsill qabel.

   Is-Segretarju nfurmat li JGC, MQuip, Forestals u SR huma l-erba' offerti li ġew *short listed*, peress li l-prezzijiet tagħhom qegħdin kważi fuq l-istess livell. Is-Segretarju qalet li l-aħjar jsir kuntatt magħhom u naraw x'qed joffru eżatt u d-deċiżjoni tittieħed aktar il-quddiem. Is-Sindku qal li għandna navżaw lir-rappreżentanti tal-GAL meta tkun ser issir l-għażla. Il-Kunsill qabel.

b. Għal *GhLC 02/12 – Insurance Policies*, kien hemm tlett (3) offerti. Is-Segretarju qrat is-schedule u s-Sur Abdilla ppropona li l-aħjar l-offerta hija tal-*Island Insurance* għax bħala *insurance* qegħdin mal-*Middlesea* fejn bħala kumpanija hija waħda rinomata u serja u wkoll għax hi l-orħos waħda. Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel.

c. Għal *GhLC 03/12 – Works Manager – Architect and Civil Engineer*, kien hemm sitt ( 6 ) offerti. Is-Sur Abdilla qara s-Schedule fejn inġabru l-aktar servizzi li juża l-Kunsill u bħala rati globali kienu dawn :-

- Perit Abela 1%
- Perit Ellul 2%
- Building & Design 1.48%
- Studjurban 2%
- Perit Lewis 1%
- Med Design 1.45%

Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill hux moqdi tajjeb bil-Perit attwali ghalkemm bħala rata qiegħed fost l-għola. Is-Segretarju qalet li ġieli jkun difficli sabiex isir kuntatt miegħu u ġieli anke meta nkunu rridu xi xogħol lest u l-Kunsill ikollu *deadline* li jkun irid jimxi magħha insibuha difficli. Is-Sindku qal ukoll li icempillu diversi drabi u ma jwegibx.

Is-Segretarju qalet li fir-rigward tal-Perit Aaron Abela għandna ftit esperjenza miegħu peress li għandhu superviżjoni tal-Proġett tal-*Housing Estate* u s'issa meta jiġi mitlub sabiex isir xi xogħol dejjem ghamlu. Is-Sindku qal li bħala esperjenza mal-Kunsill il-Perit Ellul għandhu aktar mill-Perit Abela. Is-Sinjura Agius issuġġeriet li għandna nagħżlu persuna oħra peress li l-Perit Ellul qieghed l-aktar wieħed għoli.

Is-Sindku qal li għandu jinħatar bord biex jevalwa t-*tenders* bir-reqqa u dan għandu jkun indipendenti u ntiż fuq dan it-tip ta' xogħol. Il-Kunsillier Agius ssuġġeriet li għandu jkun minn barra r-Raħal.
Il-Kunsill qabel li ghandhu jintagħżel bord sabiex jevalwa t-*tenders.*

d. Għal *GhLC 04/12 – Provision of Concrete*, kien hemm tlett (3) offerti. Is-Segretarju qrat s-Schedule u s-Sur Abdilla ppropona l-offerta ta' Saliba Bros peress li hija l-orħos waħda u konkos tagħhom hu ta' kwalita' tajba ukoll. Issekonda l-Kunsillier Attard u l-Kunsill qabel.

e. Għal *GhLC 05/12 – Patching of Streets*, kien hemm offerta waħda (1). Is-Segretarju qrat is-Schedule u s-Sur Abdilla ppropona l-offerta ta' Ell's Urban Services peress li din kienet l-unika waħda. Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel.

**6. <u>*Interview* s-Sur Borg (*CIES Scheme*)</u>**

Is-Segretarju nfurmat lis-Sur Borg ma setgħax jattendi għall-intervista għax jinsab ma jiflaħx fejn ser isir kuntatt miegħu ħalli tiġi ffisata ġurnata oħra ta meta għandu jsir l-interview.
Il-Kunsill qabel.

7. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>

a. **Is-Segretarju nfurmat li resident fi sqaq li hemm fi Triq il-Fidloqqom talab sabiex dan li Sqaq jingħata isem għax qed ikun ta inkonvenjent ghal dan ir-resident minhabba li mhux qed jircievi il-posta ghax l-indirizz ma jistax jindika li hemm Sqaq. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha tinkiteb ittra lil tat-Tismija tat-Toroq fejn qed nipproponu lid an li Sqaq jingħata l-isem ta' Sqaq Nru. 1 fi Triq Fidloqqom. Il-Kunsill qabel.**

b. **Is-Segretarju qalet li tixtieq tirringrazzja lid-Deputat Segretarju s-Sinjura Donna Mallia ghax-xoghol li wettqet u staqsiet l-Kunsill jekk jixtieqx jghid xi haga lis-Sinjura Mallia.Is-Sur Abdilla ssuġġerixxa lis-Sinjura Donna Mallia għandha tibqa' fil-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv sat- 22 ta' Diċembru, 2012. Il-Kunsill qabel.**

c. **Il-Viċi Sindku qal li hemm il-ħtieġa li l-bankina li minn Vjal il-Labour (minn ħdejn il-bieb tas-Sur Roger Aquilina) tibqa' għaddejja għal ġol-Bypass għandha bżonn tittranġa. Il-Kunsill qabel.**

d. **Is-Sur Abdilla qal li hemm il-ħtieġa li ssir bozza ġdida fi Triq it-Terħa peress li dik preżenti ġiet mgħottija bil-bini li hemm, is-Sindku ssuġġerixxa li l-bozza preżenti li hemm għandha tiġi irtirata l-barra ħalli tkun tista' taghti aktar dawl. Il-Kunsill qabel.**

e. **Is-Sur Vassalo qal li hemm il-ħtieġa li jiġu ordanti tnax il-jarda konkos sabiex tiġi rranġata Triq Għar Dalam. Il-Kunsill qabel.**

f. **Is-Sindku qal li hemm ħtieġa nordnaw mitt borża cold tarmac ħalli l-haddiema jduru xi ħofor li hawn madwar ir-raħal. Il-Kunsill qabel.**

g. **Is-Sur Vassallo nforma li rċevejna kont mingħand Bonnici Bros ta Triq it-Tumbarellu u Triq il-Qattus ta' Phase 2 jammonta għal €28,937.86, sabiex jitħallas. Il-Kunsill qabel.**

h. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-ħtieġa li jiġu ordnati tlett tabelli tat-toroq waħda għal Triq St.Tereża, ohra Triq ir-Rummien u l-oħra għal Triq in-Niġem. Il-Kunsill qabel.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fl-4:00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 8 ta' Jannar, 2013, fis-2:00p.m.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**<u>Ikkonfermati:- Tlieta, 8 ta' Jannar , 2013, fis-2.00pm</u>**

ĦAL GĦAXAQ

ĦAL GĦAXAQ


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

ĦAL GĦAXAQ

ĦAL GĦAXAQ